**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 342/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Mario Bartolo**

**Illum 24 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront ta' Mario Bartolo, bin Anthony u Maria Dolores neè Aquilina, imwieled fil-5 ta' Frar 1973 ġewwa l-Pietà, Malta, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0169973(M), talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju ta' l-elfejn u għoxrin (2020) ġewwa Xatt il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew fi bnadi oħra f'Birzebbugia, Malta, bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs) u is-sitta ta' wara nofsinhar (18:00hrs):

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, persuna li għalqet l-età ta' sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;
2. U aktar talli nhar l-24 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) ġewwa Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gzejjer Maltin, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' Joseph Portelli f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, persuna li għalqet is-sittin (60) sena, hekk kif iċċertifikat Dr. Madeline Bonnici, Med. Reg. No. 6180;
3. Aktar talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju elfejn u għoxrin (2020), għall-ħabta ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar (16:00hrs) u s-sitt ta' filgħaxija (18:00hrs) ġewwa Xatt Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

[1] Fol. 129 u 130 tal-proċess.

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel lil Joseph Portelli inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
5. Ukoll talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30hrs) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) ġewwa Triq il-Gżira, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin, ġarr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) barra mill-fond li fih jirrisjedi cioè l-fond 9, Triq il-Gżira, Birzebbugia, u/jew id-dintorni tiegħu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu[2] u li issolleva l-eċċezzjoni ta' l-insanità tiegħu fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu;

Rat li in vista ta' l-eċċezzjoni sollevata mill-imputat, ai termini ta' l-Artikolu 402(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti nnominat lill-Psikjatra Dr. Joseph Cassar u lin-Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri sabiex jeżaminaw lill-imputat għall-fini li jiddeterminaw jekk fiż-żmien tat-twettiq tar-reati addebitati lilu huwa kienx kapaċi *di intendere e volere*[3];

Rat ir-Relazzjoni tal-Psikjatra Dr. Joseph Cassar markata Dok. "JC" a fol. 136 sa' 145 tal-proċess u semgħet ix-xhieda mogħtija minnu waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2021[4], u rat ir-Relazzjoni tan-Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri markata Dok. "RG" a fol. 149 u 150 tal-proċess u semgħet ix-xhieda mogħtija minnha waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2021[5];

Rat li fid-dawl tar-Rapporti tal-Psikjatra Dr. Joseph Cassar u tan-Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri u ai termini ta' l-Artikollu 402(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti ta' din il-Kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol[6];

Rat li in oltre, ai termini ta' l-Artikolu 623 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-imputat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Carmeli biex jibqa' hemm taħt kustodja u miżmum skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap.525 tal-Liġijiet ta' Malta[7];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju 2020 markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 9 sa' 18 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Cassar mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020[8] u rat l-ewwel Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JC" a fol. 28 sa' 32 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Portelli mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta'

---

[2] Fol. 131 tal-proċess.
[3] Verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, fol. 128 tal-process.
[4] Fol. 133 sa' 135 tal-proċess.
[5] Fol. 146 ss' 148 tal-proċess.
[6] Fol. 132 tal-proċess.
[7] Fol. 132 tal-proċess.
[8] Fol. 27 tal-proċess.

Awwissu 2020[9] u rat id-dokument, ossia ċertifikat mediku, esebit waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020 markat Dok. "RX" a fol. 39 tal-proċess, semħet ix-xhieda ta' Brian Samuel McVeigh[10] u ta' PS1405 Dylan Gerada[11] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 Awwissu 2020 u rat id-dokument esebit minn PS1405 Dylan Gerada markat Dok. "DG" a fol. 45 sa' 49 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1285 Graham Cassar Bonaci mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020[12] u rat ir-rapport esebit minnu markat Dok. "GCB" a fol. 57 sa' 61 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Madeline Bonnici[13] u ta' l-Ispettur Roderick Attard[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020 u rat is-sikkina esebita mill-Ispettur Roderick Attard markata Dok. "GX1" u l-istqarrija ta' l-imputat u l-estratti miċ-Ċertifikati tat-Twelid ta' Joseph Portelli u ta' l-imputat rispettivament markati Dok. "GX2" a fol. 68 u 69 tal-process, Dok. "GX3" a fol. 70 tal-proċess u Dok. "GX4" a fol. 71 tal-proċess, rat in-Nota ppreżentata mill-Psikjatra Dr. Joseph Cassar fl-24 ta' Settembru 2020[15] u semgħet ix-xhieda tal-Kaptan Bernardette Cachia mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Ottubru 2020[16] u ta' l-4 ta' Diċembru 2020[17] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "BC" a fol. 118 sa' 123 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Matthew Psaila mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2020[18] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "MP" a fol. 95 sa' 116 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' PC733 Leander Spiteri[19] u ta' PC1005 Reuben Scicluna[20] mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2021;

Rat id-Digriet datat 18 ta' Marzu 2021[21], permezz ta' liema ġie dikjarat u deċiż illi hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 22 ta' Marzu 2021[22], li permezz tagħha bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(d)(2) u 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 6, 51(7), 56, 57 u 61 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

9 Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
10 Fol. 40 sa' 42 tal-proċess.
11 Fol. 43 u 44 tal-proċess.
12 Fol. 55 u 56 tal-proċess.
13 Fol. 62 u 63 tal-proċess.
14 Fol. 64 sa' 66 tal-proċess.
15 Fol. 72 tal-proċess.
16 Fol. 75 sa' 79 tal-proċess.
17 Fol. 117 tal-process.
18 Fol. 91 sa' 94 tal-proċess.
19 Fol. 156 u 157 tal-proċess.
20 Fol. 158 u 159 tal-proċess.
21 Fol. 163 sa' 177 tal-proċess.
22 Fol. 179 u 180 tal-proċess.

Semgħt ix-xhieda ta' Dr. Marisa Cassar[23], ta' PC220 Shaun Spiteri[24] u ta' Joseph Portelli[25], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' April 2021 u rat id-dokument esebit minn Dr. Marisa Cassar markat Dok. "MC" a fol. 184 u 185 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' April 2021[26], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li PC389 Saviour Bonnici, PC441 Matthew Darmanin u PC1491, ma kellhom l-ebda sehem attiv fl-investiazzjoni pertinenti għall-każ mertu ta' dawn il-proċeduri u li Dr. Joseph Cassar gia xehed f'dawn il-proċeduri u li Dr. Charlene Tonna u Dr. Joseph Spiteri ftit li xejn jistgħu jixhdu dwar il-fatti tar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri;

Rat illi waqt l-istess seduta tat-22 ta' April 2021, id-Difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhieda lil: (i) WPC323 sabiex tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali markata Dok. "D" a fol. 16 tal-proċess; (ii) PC469 sabiex jikkonferma d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali markata Dok. "D" a fol. 16 tal-proċess; u (iii) PC695 B. Seychell sabiex jikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat markata Dok. "GX2" a fol. 68 tal-proċess;

Rat li wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq, u wara li il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitmexxa bi proċedura sommarja u huwa ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Rat li d-Difiża ddikjarat li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni ta' l-infermità mentali mressqa mill-imputat, l-istess imputat jagħżel li ma jixhidx u ddikjarat ulterjorment li l-imputat ma għandux provi x'jressaq[27];

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża entrambe ddikjaraw li joqgħodu fuq ir-Relazzjonijiet ta' l-Esperti Psikjatriċi nominati mill-Qorti[28];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-24 ta' Lulju 2020, ġewwa Xatt il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew fi bnadi oħra f'Birzebbugia, Malta, bejn 16:00hrs u 18:00hrs: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, persuna li għalqet l-età ta' sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) u aktar talli nhar l-24 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' bejn 16:00hrs u 18:00hrs ġewwa Triq Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gzejjer Maltin, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew

[23] Fol. 183 tal-proċess.
[24] Fol. 186 tal-proċess.
[25] Fol. 187 u 188 tal-proċess.
[26] Fol. 181 u 182 tal-proċess.
[27] *Ibid.*
[28] *Ibid.*

jqiegħed il-ħajja ta' Joseph Portelli f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, persuna li għalqet is-sittin (60) sena, hekk kif iċċertifikat Dr. Madeline Bonnici, Med. Reg. No. 6180; (3) aktar talli nhar l-24 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' bejn 16:00hrs u 18:00hrs, ġewwa Xatt Dawret il-Qalb Imqaddsa, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (4) aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel lil Joseph Portelli inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (5) ukoll talli nhar il-25 ta' Lulju 2020, għall-ħabta ta' bejn 18:30hrs u 19:00hrs, ġewwa Triq il-Gżira, Birzebbugia, u/jew f'inħawi oħra fil-gżejjer Maltin, ġarr strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) barra mill-fond li fih jirrisjedi cioè l-fond 9, Triq il-Gżira, Birzebbugia, u/jew id-dintorni tiegħu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 22 ta' Marzu 2021[29], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv)(b)(d)(2) u 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 6, 51(7), 56, 57 u 61 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u issolleva l-eċċezzjoni ta' l-insanità tiegħu fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu.

Fil-fehma tal-Qorti li l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi trattata hija proprio dik sollevata mill-imputat u cioè dik ta' l-infermità mentali tiegħu fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu f'dawn il-proċeduri.

L-eċċezzjoni sollevata mill-imputat hija kjarament ibbażata fuq l-Artikolu 33(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li *kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas - (a) kienet fi stat ta' ġenn.*

L-interpretazzjoni u konsegwenti applikazzjoni korretta ta' dan il-provvediment tal-Liġi, ossia fejn jiġi invokat l-istat ta' ġenn ta' l-imputat fil-ħin tal-kummissjoni tar-reat/i addebitati lilu, tinsab ben enunċjata fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Schembri** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Marzu 2010, fejn saret referenza għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Norbert Schembri**, deċiża fil-25 ta' Settembru 2008. Hemm jingħad u jinsab osservat illi: *kif inhu risaput, l-espressjoni 'stat ta' ġenn' fil-paragrafu (a) ta' l-Artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali*

[29] Fol. 179 u 180 tal-proċess.

*għandha sinjifikat legali li mhux neċessarjament jattalja ruħu ma' dak li fil-mediċina jew fil-psikjatrija jitqies bħala 'ġenn'. Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb tagħhom Criminal Law: "It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder'. Fi kliem ieħor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun għamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta għall-element materjali tar-reat, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna kienet fi 'stat ta' ġenn' għall-finijiet ta' l-imsemmi Artikolu 33(a), cioè tali li tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' ġenn li jeżenta mir-responsabilità kriminali jrid jirriżulta (imqar fuq bażi ta' probabilità, meta d-demenza tkun ġiet eċċepita mill-akkużat jew imputat u allura il-piż ikun fuqu biex jipprova l-fatt) li l-akkużat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-moħħ li minħabba fiha, fil-mument ta' l-att jew ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv (i) jew mill-kapaċità li jifhem in-natura u l-kwalità ta' dak l-att li qed jagħmel, jew (ii) mill-kapaċità li jifhem li dak li qed jagħmel hu ħażin, jew (iii) mill-kapaċità li jagħżel jekk jagħmilx jew le dak l-att. Marda tal-moħħ - disease of the mind bl-Ingliż - mhux neċessarjament tkun patoloġija lokalizzata fil-moħħ - in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-każ ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza għall-M'Naghten Rules - regoli, li wieħed m'għandux. jinsa, jirreferu biss għall-kapaċità di intendere, mentri l-liġi tagħna tikkunsidra ukoll jekk kienx hemm il-kapaċità di volere:- "The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time. ... But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules ... 'mind' in the M'Naughten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act. U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008: "It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces - impairment of the faculties of reason, memory and understanding. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin. ... However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: "A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p.922). ... Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett, ser tikkwota minn dak li wieħed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo: "The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it*

*was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it."*[30]

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, jirriżulta li din il-Qorti għandha tistħarreġ jekk l-imputat, fil-ħin tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu, kienx inkapaċi *di intendere e di volere* u dan a bażi ta' dak li jirriżulta mill-konklużjonijiet ta' l-Esperti Psikjatriċi u anke ta' dak li jirriżulta mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri.

Meta fi stadju piuttost bikri tal-proċeduri d-Difiża ssollevat l-eċċezzjoni ta' l-infermità mentali ta' l-imputat - senjatament waqt is-seduta tas-26 ta' Lulju 2020[31] - kien ġie nominat bħala Espert Psikjatriku l-Psikjatra Dr. Joseph Cassar. Inizjalment il-konklużjoni tiegħu fir-rigward ta' l-imputat kienet illi *s-Sur Mario Bartolo magħruf mill-karta ta' l-identità 0169973M ma jbatix minn mard ta' ġenn skond it-termini tal-Liġi Maltija u jista' jgħaddi minn proċeduri ġudizzjarji għal fini ta' l-akkużi. Skond id-Diagnostic and Statistical Manual of Mental Disorders 5$^{th}$ Edition (DSM-5), il-pazjent jidher li jbati minn Cluster A Personality Disorder, speċifikatament Paranoid Personality Disorder (301.0). Minn Criterion A, għandu sitta mis-seba' karatteristiċi li jiddefinixxu d-dijanjożi: Criterion A is: Global mistrust and suspicion of others' motives which commences in adulthood. The six positive sub features out of seven from criterion A are: 1. The person with PPD will believe others are using, lying to or harming them, without apparent evidence thereof; 2. They will have doubts about the loyalty and trustworthiness of others; 3. They will not confide in others due to the belief that their confidence will be betrayed; 4. They will interpret ambiguous or benign remarks as hurtful or threatening; 5. Hold grudges; 6. In the absence of objective evidence, believe their reputation or character are being assailed by others, and will retaliate in some manner; and Criterion B is that the above symptoms will not be during a psychotic episode in schizophrenia, bipolar disorder, or depressive disorder with psychotic features. Minħabba din il-kundizzjoni, ikun ideali li s-sur Bartolo jiġi segwit minn psikjatra fil-komunità fejn joqgħod (Paola Mental Health Clinic) u idejalment jitpoġġa fuq Ordni ta' Trattament fil-Komunità skond l-Att Dwar is-Saħħa Mentali Kap. 525, is-7 Skeda*[32].

In segwitu għal din il-konklużjoni u x-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Awwissu 2020[33], fejn essenzjalment ikkonferma r-Relazzjoni tiegħu, il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar, permezz ta' Nota ppreżentata fl-24 ta' Settembru 2020[34] - minnu in segwitu ikkonfermata bil-ġurament[35] - għarraf lill-Qorti (dak iż-żmien Qorti Istruttorja) li *wara li ġie preżentat ir-rapport tas-sottoskritt lil din l-onorabbli qorti, il-perit ġie ikkuntattjat mill-psikjatra tas-sur Mario Bartolo fil-ħabs Dr. Joseph Saliba li ta l-intendere lill-Perit li s-Sur Bartolo għalkemm jibqa' evasiv fid-diskors tiegħu qed jagħti l-impressjoni li għandu sintomi psikotiċi 'encapsulated' li għal żmien twil kien kapaċi jaħbi anke meta ddaħħal pazjent Monte Karmeli fl-2016 u għal 3 snin wara*

[30] Vide wkoll Il-Pulizija v. Fortun Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-27 ta' Frar 2014 u Il-Pulizija v. John Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti taĠ 'udikatura Kriminali fid-9 ta' Novembru 2010.
[31] Fol. 4 u 5 tal-proċess.
[32] Dok. "JC", fol. 31 u 32 tal-proċess.
[33] Fol. 27 tal-proċess.
[34] Fol. 72 tal-proċess.
[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2021, fol. 133 u 134 tal-proċess.

*bejn l-2016-2019 fl-outpatient department tal-psikjatrija. Ġie kkostatat min hu l-pazjent li tkellem ma' l-istess psikjatra tal-ħabs li qal li s-sur Bartolo kellu jitlaq mill-armata xi żmien ilu fuq problemi mentali. Għal dan il-fini jista' jagħti l-każ li anke fiż-żmien ir-reat in kwistjoni f'din il-kawża s-sur Bartolo kien qed jaġixxi b'mod psikotiku li seta' tah problemi fl-intendere u volere.*

In segwitu għal din in-Nota u fid-dawl ta' dak hemm espost il-Qorti nnominat Psikjatra - f'dan il-każ innominat mill-ġdid lil Dr. Joseph Cassar - u Neuropsikologa, Dr. Rebecca Gorrieri, sabiex jeżaminaw lill-imputat għall-fini li jiddeterminaw, anke fid-dawl ta' dak li jista' jirriżulta mill-file ta' l-imputat mal-Forzi Armati ta' Malta, jekk fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat, l-istess imputat kienx qed jaġixxi fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi[36].

Fil-kors tal-proċeduri xehdu l-Kaptan Bernardette Cachia u t-Tabib Dr. Matthew Psaila b'referenza partikolari għat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-imputat mal-Forzi Armati ta' Malta. Mix-xhieda tal-Kaptan Bernardette Cachia[37] rriżulta li l-imputat, li kien Surġent fil-Forzi Armati ta' Malta, kien ġie *discharged* mill-Forzi Armati ta' Malta fil-5 ta' Ottubru 2012 peress li nstab *unfit to perform standard military duties (as defined in GO AFM/4601/004/2001 dated 30 Jan 01) and that he is likely to remain so permanently.* Ir-raġuni għal din id-*discharge* kienet illi Bord Mediku kompost biex jevalwa lill-imputat kien sab li *Sgt. Bartolo was found to be suffering from: acute anxio-depressive illness secondary to military duties and environment. Refractory to Psychiatric medical treatment*[38].

Dr. Matthew Psaila[39], Tabib mal-Forzi Armati ta' Malta, xehed illi *fir-rigward ta' Mario Bartolo jiena lħaqtu ftit għax kont dħalt fl-armata fis-sena 2011 u hu fil-fatt kien għadda Medical Board fis-sena 2012. Dak iż-żmien konna 2 tobba u ovvjament seta' jara kemm lili jew lil Dr. Bartolo. Jiena rajtu għal diversi raġunijiet għax hemmhekk fil-verità aħna nkunu bħala general practitioners u ovvjament naraw minn kollox, so kien hemm varjetà ta' raġunijiet għalfejn kien jippreżenta quddiemna għall-parir mediku. Li nista' ngħid però fuq il-każ li bih spiċċa medical board, qisu lejn l-aħħar kien qed jiġi għandna bil-problemi ta' l-ansjetà u kien qed isegwih psikjatra dak iż-żmien. ... kien fuq treatment jiġifieri trattament minħabba d-depressjoni u minħabba l-ansjetà però wasal fi stadju li ma kienx qed ilaħħaq mal-pressures tax-xogħol, kien qed jagħmel użu minn ħafna ġranet ta' sick, sakemm wasal imbagħad li peress illi beda jaqbeż ċertu ammont ta' sick, ittieħdet id-deċiżjoni li jarah medical board u dan il-medical board ġeneralment ikun kompost minn 3 min-nies li huma 2 tobba ta' l-AFM u tabiba Dr. Anna Maria Vella, li tkun ovvjament mhux militari. Rajna l-każ, rajna s-sitwazzjoni, rajna li hu min-naħa tiegħu, il-kundizzjoni hija long-term u l-impjieg tiegħu tefa' wkoll effett negattiv fuq il-kundizzjoni medika tiegħu u l-bord wasal għall-konklużjoni li dan jgħaddi medical board biex b'hekk anke hu min-naħa tiegħu jkun imissu pensjoni ta' kemm ovvjament ikun ħadem. Fl-assenza ta' hekk kien qed jirriskja ovvjament li jitkeċċa mis-servizz. ... Fil-karriera tiegħu kien hemm episodji varji fejn dak li jkun jew kellu*

---

[36] Digriet datat 24 ta' Settembru 2020, fol. 53 tal-proċess u nomina konfermata mill-ġdid permezz ta' Digriet datat 14 ta' Jannar 2021, fol. 128 tal-proċess.
[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ottubru 2020, fol. 75 sa' 79 tal-proċess.
[38] Discharge Letter a fol. 115 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2020, fol. 91 sa' 94 tal-proċess.

*xi ansjetà minħabba kundizzjoni jew minħabba ħaġa oħra, minħabba affarijiet personali jew minħabba affarijiet li kellhom x'jaqsmu max-xogħol, jiġifieri dawk qegħdin ovvjament dokumentati fil-file li ovvjament ma tamalgamax ma' kundizzjoni medika imma ma' affarijiet li seħħew dak iż-żmien u li għaddew waħidhom. Però, qisu lejn l-aħħar tas-sena 2011, kien qed jippreżenta b'mod iktar regolari b'ansejtà u li għandi d-data hawnhekk meta kien jarah Dr. Bartolo qisu fis-26 ta' Jannar tas-sena 2012, fejn kien qed ikun ansjuż ħafna, again minħabba sitwazzjonijiet personali u dak iż-żmien kien irreferih biex jarah il-Psychiatric Outpatients biex jarah ovvjament psikjatra. Minn dak iż-żmien qisu l-preżenza tiegħu, jiena fil-fatt għamilt kopja tal-medical file tiegħu u elenkajt kull meta ġie minħabba raġunijiet psikjatriċi jekk nistgħu ngħidulhom hekk, elenkajthom biex ikunu ovvjament iktar viżibbli u lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu kien qed ikun hemm iktar minn dawn l-episodji. Però qisu dik l-ewwel darba li ġie referred għall-kura iktar speċjalizzata.*

Mid-dokumenti esebiti mit-Tabib Dr. Matthew Psaila, ossia kopji mill-medical file ta' l-imputat a fol. 95 sa' 112 tal-proċess, fil-fatt jirriżulta li filwaqt li bejn is-snin 2000 u 2009 l-imputat kien imur għand it-Tobba bi kwistjonijiet ta' ansjetà b'mod sporadiku, mis-sena 2010 dawn l-episodji bdew jiżdiedu, fis-sens li kien jara t-Tobba għall-istess raġunijiet ta' ansjetà anke tlett darbiet fuq medda ta' ftit ġranet sakemm jidher li s-sitwazzjoni eskalat sew bejn Lulju u Settembru ta' l-2012, tant illi kif xehed Dr. Psaila l-imputat ġie referut għall-Medical Board u finalment *discharged* mill-Forzi Armati ta' Malta.

It-Tabib Dr. Matthew Psaila xehed ulterjorment illi l-imputat *kien ikun ansjuż u ovvjament qed jindikalna li mhux qed iħossu komdu jaħdem u aħna ovvjament irridu nikkunsidraw l-ambjent fejn qed jaħdem li huwa ambjent fejn hemm ċertu responsabilità, ambjent fejn hemm armi, allura anke biex nipproteġu lilu nnifsu, ikun hemm ċertu sitwazzjonijiet fejn ingħata ħafna ġranet sick biex fil-verità anke nagħtu ċans lill-mediċini u t-terapija jaħdmu. … dawn in-noti li qed insemmi huma ta' Dr. Bartolo. Jiena li kont rajtu mbagħad personali minħabba din il-ħaġa għax inzerta ra lili dakinhar kien f'Lulju tas-sena 2012 illi again semmieli li kien ansjuż ħafna imma ma semmilix minħabba xi ħaġa speċifika imma just ansjetà ġenerali. Naf li kien għaddej ovvjament bit-treatment għad-dipressjoni, dakinhar offrejtlu li nirriferih għand psikologu. Mhux psikjatra għax digà kien qed isegwih xi ħadd imma dak iż-żmien kien qalli li ma jixtieqx jattendi u ovvjament baqa' għaddej bil-mediċini. Kien ħareġ ġimgħa sick, kont erġajt rajtu eżempju l-ġimgħa ta' wara u qalli li għadu l-istess u minn dak iż-żmien daqa' għaddej bis-sick sakemm ovvjament rah il-medical board u ġie boarded out.*

L-Esperti nominati l-Psikjatra Dr. Joseph Cassar u n-Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri ppreżentaw ir-Relazzjonijiet tagħhom fl-20 ta' Jannar 2021 u waqt seduta miżmuma dakinhar stess, entrambe xehdu dwar, ikkonfermaw u spjegaw il-konklużjonijiet tagħhom dwar l-istat ta' l-imputat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati lilu addebitati.

Fir-Relazzjoni tiegħu l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar ikkonkluda li *s-Sur Mario Bartolo magħruf bil-karta ta' l-identità 0169973M kif innutat fin-nota tal-perit Psikjatra għal diversi snin bagħta minn psikożi paranoika serja li però irnexxielu*

*jaħbi (encapsulated psychosis) u dan jidher ċar ukoll fin-noti ta' l-AFM fejn għalkemm kellu diversi problemi u ġie Medically boarded out, l-unika referenza li kellu kienet ta' ansjetà u nevrożi. Is-sur Bartolo ddikompensa fi psikożi akuta malli bdew il-proċeduri legali li issa ġie akkużat bihom u l-psikożi ħarġet fid-deher b'mod ċar u rrispondiet biss għat-trattament mediku ta' antipsikotiku. It-test newropsikologu juri li hemm problemi fil-funzjoni eżekuttiva konjittiva minħabba 'thought inconsistencies, cognitive rigidity (difficulties in cognitive shifting), confabulated speech, frontal disinhibition and perseverance and difficulties in verbal fluency". L-istorjq li qed igħid is-sur Bartolo fuq is-sur Portelli li dan ta' l-aħħar kien abbużah, ma tistax tiġi verifikata u għaldaqstant jidher li meta aġixxa fil-konfront tas-sur Portelli dan għamlu taħt stat ta' ġenn fit-termini tal-liġi (paranoia). Għaldaqstant, f'dan l-istadju l-esperti b'umiltà jissuġġerixxu: 1. Li s-sur Mario Bartolo jiddaħħal l-isptar Monte Carmeli taħt ordni ta' trattament peress li ma għandux għarfien (insight) tal-psikożi tiegħu li tirrispondi biss għall-anti psikotiċi u li jekk ma jeħodhomx ikun ta' periklu kif digà kien (Att tas-Saħħa Mentali 2012, Kap. 525 Art. 37); 2. Waqt li qiegħed taħt ordni ta' trattament jiġi stabilit liema antipsikotiku forma ta' injezzjoni ta' darba fil-ħmistax/xahar tista' tingħatalu u wara li jistabilizza ruħu jista' imbagħad jitpoġġa fuq Att tas-Saħħa Mentali 2012, Kap.525 Artikolu 16 (Ordni ta' Trattament fil-Komunità)[40].*

Fix-xhieda li ta fis-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2021[41], l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar iddikjara li *s-Sur Mario Bartolo għal diversi snin kellu s-sintomi ta' psikożi illi hu, fil-psikoloġija jew fil-psikjatrija, jgħidulha encapsulhom jiġifieri qisu bħal bebbuxu u daħħalhom u he managed to survive u managed to go through life. Fil-fatt, kif għidt anke kif assumejt jiena, imma issa ġie anke ppruvat minn dak li kitbu fil-Forzi Armati, anke meta kellu diffikultajiet kbar fil-Forzi Armati li bihom ħaerġ bħala medically boarded out, anke r-records tiegħu juru biss li kellu anxiety neurosis u għall-ewwel, meta titkellem miegħi, hekk beda jgħid. Imbagħad li ġara hu illi l-proċess sħiħ kriminali, il-proċess li kien qiegħed magħluq fis-sistema forensika, iddikompensa f'daqqa waħda u s-sintomi psikotiċi harġulu fil-beraħ kif qal anke fir-rapport li ppreżentajt illum beda jkun paranoid, li n-nies iridu jivvelenawh u s-sintomi tal-piskożi totali. Beda jirrispondi mill-ewwel għall-anti-psikotiku u għalkemm qiegħed fuq anti-psikotiku, ħafna aħjar u reġa' beda qisu jencapsulahom imma għadhom joħroġu s-sintomi psikotiċi. Jiġigieri ovvjament meta smajt fil-bidu, jiena ħassejt illi kelli ninforma lill-Onorabbli Qorti biex ovvjament nerġgħu nitilgħu u nixhdu u nerġgħu neżaminawh. ... Fil-fatt erġajna eżaminajnih u kellimt anke lil Dr. David Cini u din daħħaltha anke fl-intervista li daħħalt ta' Dr. David Cini. Dr. David Cini huwa speċjalista fil-psikjatrija li jaħdem fis-sistema forensika mal-medical director il-ġdid Dr. Joe Saliba issa. ... Dr. Cini huwa t-tabib tista' tgħid kuranti ma' Dr. Saliba, ta' l-imputat waqt li qiegħed Monte Carmeli fis-sistema forensika. Fil-fatt, kienu hu u Dr. Saliba li ġabuna alert bis-sintomi ta' psikożi qawwija li ħarġu eżatt wara li s-Sur Bartolo tela' għall-ewwel darba l-Qorti.* Fuq domanda tal-Qorti jekk, fiż-żmien li twettqu r-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat, l-istess imputat kienx fi stat ta' ġenn ai termini tal-liġi, l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar bla tlaqliq ta' xejn wieġeb *iva, ktibtha ċara illi ovvjament, anke minħabba dak li qalilna u anke għamilt referenza għal ċerti*

[40] Relazzjoni ta' l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar a fol. 136 sa' 144 tal-proċess.
[41] Fol. 133 u 134 tal-proċess.

*affarijiet li għamel bħal per eżempju tas-sikkina ma' dahru illi m'hemmx spjegazzjoni ħlief spjegazzjoni mbagħad fil-kuntest psikotiku ta' psikożi, għidt illi fil-mument tar-reat kien taħt ġenn skond it-termini tal-liġi kriminali.*

Fir-Rapport tagħha l-Espert Neuropsikologa Dr. Roberta Gorrieri[42] kkonkludiet li *his* [ossia l-imputat] *executive functioning performance revealed thought inconsistencies, cognitive rigidity (difficulties in cognitive shifting), confabulated speech, frontal disinhibition and perseverance, and difficulties in verbal fluency. His demeanour was irritable and anxious and was very impulsive in his behaviour. Pervasive executive deficits have been established in forensic psychiatric patients and have been implicated as contributors to criminal behaviour. It is of professional opinion that the accused's cognitive state, at the time of assessment, may play a significant role in poor decision-making capacity and subsequent aggressive behaviour.*

Fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2021[43], l-Espert Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri ddikjarat illi *jiena rajt lis-Sur Bartolo fis-17 ta' Diċembru, ovvjament wara dak li kien mar Monte Carmeli. Bażikament, jiena evalwajt l-istat konjittiv tiegħu (cognitive assessment) speċifikatament dawk li ngħidulhom funzjoni eżekuttivi li huma relatati ħafna wkoll ma' l-imġieba kriminali u hekk. Jiena meta rajtu lis-Sur Bartolo kien jaf fejn kien, kien oriented, imma qisu l-mod kif kien qed jitkellem ma kienx konsistenti (qisu ngħidulu confabulated speech). Kien impulsiv ħafna qisu ma setax jikkontrolla mingħajr ma ried il-mod kif kien qed jitkellem qisu ma kienx qed iħallini nitkellem. Ir-riżultati ta' l-assessment juru li għandu problemi eżekuttivi, funzjoni eżekuttivi li dawn żgur huma as in fil-mument li assessjajtu imma nista' ngħid li dawn id-diffikultajiet kienu preżenti qabel għax m'humiex it-tip ta' diffikultajiet li jiġu u jmorru imma jkunu preżenti probabilment għat-tul ta' ħajtu. Il-problemi huma li ngħidulhom perseveranza (perseverant) qisu li hu jsib diffikultà jieqaf minn dak li jiġi f'moħħu like to what we say, stopping the most dominant response set. Din hija l-kapaċità tagħna li nieqfu nagħmlu dak li moħħna qed jgħidilna biex nagħmlu għax nafu li per eżempju mhux tajjeb jew mhux aċċettat. Kellu diffikultajiet f'dak ir-rigward u apparti minn hekk, id-diffikultà biex jieqaf milli jagħmel l-affarijiet, kellu diffikultà wkoll fir-rigward li ngħidulu thought perseverance, qisu kien jaħseb f'xi ħaġa u mhux kapaċi jiġifieri meta xi ħadd jiċċalinġjah fil-mod kif qed jaħseb, huwa jsibha diffiċili jbiddel il-mod kif jaħseb. Ovvjament din hija qisha tip ta' mod ta' ħsieb riġidu ħafna. Jiena kkonkludejt li apparti dawn l-affarijiet li huma frontal behaviours hafna disinhibition, taught perseverant, kellu wkoll diffikultajiet fil-verbal fluency jiġifieri l-kapaċità tiegħu li juża ċertu kliem li jagħmlu sens fil-kuntest li huma parti minn what we call a dysexecutive syndrome frontal lobe difficulties li at the end of the day semmejt ftit mhux riċerka imma jekk tippermettili ngħidha bl-Ingliż, għidt li "these pervasive executive deficits are well established in forensic psychiatric patients specifically and have been strongly implicated as contributors to criminal behaviour in the psychiatric cohort of forensic patients. It is of professional opinion that the accused's cognitive state at the time of assessment may play a significant role in poor decision making capacity and subsequent aggressive behaviour". Jiġifieri*

---

[42] Dok. "RG" a fol. 149 u 150 tal-proċess.
[43] Fol. 146 sa' 148 tal-proċess.

*nixtieq ngħid li l-fatt li għandu dawn id-diffikultajiet eżekuttivi, huwa iktar vulnerabbli u iktar kapaċi li se jagħmel att kriminali, att mhux aċċettat mis-soċjetà.* Mistoqsija jekk dan l-istat ta' l-imputat kienx xi ħaġa temporaneju, Dr. Rebecca Gorrieri wieġbet *sakemm il-persuna ma kellux inċident trawmatiku, brain injury, fejn tgħid per eżempju ġimgħa qabel kellu car accident li jista' jispjega li minn dak iż-żmien 'l quddiem kellu l-problemi. Ovvjament ma kienx hemm inċident hekk qabel* [f'dan il-każ] *u anke għal-livell kliniku, il-mod kif hu, dawn probabilment kawżi tat-trawma fit-tfulija u kienu hemm minn tfulitu. Jidher li huwa persuna sensittiv ħafna, l-imġieba tiegħu kienet waħda sensittiva, xtaq jitkellem magħna imma qisu ma kellux il-kapaċità jirraġuna u jieqaf f'ċertu ħsibijiet, jiġifieri huma diffikultajiet konjittivi, eżekuttivi.*

Fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta dwar l-istat mentali ta' l-imputat, partikolarment fid-dawl tal-konklużjonijiet raġġunti mill-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar u l-Espert Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri, ma hemmx dubju li l-imputat għandu problemi notevoli fil-funzjoni konjittiva tiegħu li jeffettwaw l-aġir tiegħu. Dana huwa f'tali entità illi l-Espert Psikjatra Dr. Joseph Cassar bla ebda eżitazzjoni ta' xejn iddikjara għal darba darbtejn, li l-imputat ma kienx, fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu, kapaċi *di intendere e volere*, b'hekk f'dak iż-żmien kien fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi. Jiġi osservat ukoll illi l-Espert Neuropsikologa Dr. Rebecca Gorrieri ddikjarat li *l-problemi huma li ngħidulhom perseveranza (perseverant) qisu li hu jsib diffikultà jieqaf minn dak li jiġi f'moħħu like to what we say, stopping the most dominant response set.*

Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu meta minn eżami ta' ġurisprudenza estera huwa kkonkluda li *the right and wrong test as established by the MacNaughton rules is not the sole test of responsibility in all cases: it must be suspended by the so called "Irresistible Impulse" test: a person who knew he was committing an act which was morally wrong and prohibited by law* (haġa li fil-każ in eżami l-Qorti mhux konvinta li l-imputat fl-istat delużjonali tiegħu kien konxju tagħha) *may nevertheless be excused from responsibility if, by reason of his mental disease, he lacked the power of conscious volition and inhibition to resist the impulse to commit it.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta b'mod ċar li l-eċċezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 33(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mid-Difiża hija ġustifikata u konsegwentement l-istess għandha tiġi milqugħa u l-imputat għandu għal tali raġuni jiġi dikjarat eżenti minn kull responsabbiltà kriminali.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 33(a), 525 u 623 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-istat ta' ġenn ta' l-imputat fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu f'dan il-każ, tiddikjara li fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati addebitati lilu, l-imputat kien fi stat ta' ġenn ai termini tal-Liġi u konsegwentement issib u tiddikjara li l-imsemmi imputat huwa eżenti minn kull responsabilità kriminali.

Ai termini ta' l-Artikolu 623(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 37 tal-Kap.525 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Karmeli biex hemm hekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skond id-

dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap.525 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li l-imputat jibqa' suġġett li jinżamm bis-saħħa ta' din l-ordni sakemm jinħeles mill-Qorti wara li tliet speċjalisti, li wieħed minnhom ikun l-ispeċjalista responsabbli, jippreżentaw rapport li l-imputat ikun jista' jiġi hekk meħlus.

Il-Qorti in fine tordna n-notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali **u** lis-Supretendent ta' l-Isptar Monte Carmeli.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**